



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2013/2235(DEC)

24.2.2014

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL) għas-sena finanzjarja 2012
(C7-0323/2013 – 2013/2235(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Véronique Mathieu Houillon

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jqisu li l-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL) jippreżentaw fedelment, f'kull aspett sinifikanti tagħhom, is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2012;
2. Jieħu nota tal-fatt li l-Qorti tal-Awdituri setgħet tikkostata tnaqqis tar-rati minn dejjem għoljin tal-appropriazzjonijiet ta' impenn riportati ekwivalenti għal 19,64 % meta mqabbla ma' rata ta' aktar minn 40 % ta' appropriazzjonijiet riportati fis-sena preċedenti; jifhem l-ispjegazzjoni pprovduta minn EUROPOL, li ssemmi l-ħolqien taċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità li ma ġiex deċiż qabel Ġunju 2012 u li r-riżorsi baġitarji ġodda għalih ma tqegħdux għad-dispożizzjoni qabel tmiem l-2012; jinnota li, skont l-aġenzija, l-appropriazzjonijiet ġew riportati biex jtkopra dan il-kompitu għdid fl-2013, sena li għaliha ma kienu ġew previsti l-ebda riżorsi supplimentari;
3. Jinnota s-segwitu li beda jingħata, u li, fil-biċċa l-kbir tiegħu, għadu qed jitwettaq, għall-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri għall-2011 li jindikaw in-nuqqas ta' proċeduri għall-eċċezzjonijiet; jinnota li s-sistema ta' kontabilità għadha ma ġietx kompletament ivvalidata;
4. Jinnota r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-fond tal-pensjonijiet ta' EUROPOL¹ għas-sena finanzjarja 2012, kif ukoll it-tweġibiet tal-aġenzija; jistieden lil EUROPOL jinformah dwar kull deċiżjoni marbuta mal-futur tal-fond;
5. Iqis li, b'mod ġenerali, għandha titkompla ssir enfasi fuq l-awditjar tal-ġestjoni finanzjarja tajba ta' EUROPOL, speċifikament l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni.

¹ L-oġġettiv tal-fond huwa li jiffinanzja u jħallas il-pensjonijiet tal-membri tal-persunal li kienu diġà impjegati ma' EUROPOL qabel ma saret aġenzija tal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2010.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	12.2.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Roberta Angelilli, Rita Borsellino, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Carlos Coelho, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Ioan Enciu, Frank Engel, Kinga Gál, Kinga Göncz, Ágnes Hankiss, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Lívía Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Monica Luisa Macovei, Svetoslav Hristov Malinov, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Nuno Melo, Roberta Metsola, Claude Moraes, Antigoni Papadopoulou, Georgios Papanikolaou, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Renate Sommer, Rui Tavares, Nils Torvalds, Kyriacos Triantaphyllides, Wim van de Camp, Axel Voss, Tatjana Ždanoka, Auke Zijlstra
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Silvia Costa, Franco Frigo, Mariya Gabriel, Siiri Oviir, Zuzana Roithová, Salvador Sedó i Alabart, Sir Graham Watson
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Françoise Castex, Knut Fleckenstein, Anne E. Jensen, Luis Yáñez-Barnuevo García